Kunsill Lokali Ħal Balzan

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

# ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 30

Data tal-laqgħa: 27 ta' Mejju 2021

Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan nżammet *online* permezz ta' *Skype,* nhar il-Ħamis, 27 ta' Mejju 2021 fl-4.00pm.

### PREŻENTI:

Nutar Ian Spiteri – Sindku
Dr Angelo Micallef – Viċi Sindku
Stephen Gatt – Kunsillier
Mary Louise Briffa – Kunsillier
Dr Oliver Nicholas De Gaetano – Kunsillier

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:

Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv (SE)

## Minuti

Is-Sindku, in-Nutar Ian Spiteri ippresjeda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fl-4.15pm.

## 30.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija

30.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 30.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

30.2.1 Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-Minuti ta' Laqgħa Nru. 29 u tal-Laqgħa tal-Lokalità Nru. 4. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

30.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Fuq proposta tal-Viċi Sindku Dr Angelo Micallef, li kien issekondat mill-Kunsillier Stephen Gatt, il-minuti ġew approvati unanimament.

## 30.3 Punti li joħorġu mill-Minuti

30.3.1 Para 29.3.1.1 - Għassa tal-Pulizija
Il-Viċi Sindku staqsa jekk hemmx xi risposta dwar it-talba li saret lill-Prim Ministru, għad-devoluzzjoni tal-binja tal-għassa ta' Ħal Balzan. Is-Sindku wieġeb li għadu ma rċeviex risposta.

30.3.2 Para 29.4.2 - Skip privat li hemm fi Triq l-Annunzjata
Il-Kunsillier Stephen Gatt infurma li l-iskip tneħħa.

## 30.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

30.4.1.1 *One-way* fi Triq il-Karenza u Triq il-Paguni
Is-Sindku infurma li xi residenti qed jipproponu li Triq il-Karenza u Triq il-Paguni jsiru *one-way* u ż-żona tiġi speċi ta' *ring road*. Dan billi minn Triq il-Ferrovija l-Qadima tidħol għal Triq il-Karenza u minn Triq il-Qarċilla toħroġ għal Triq il-Ferrovija l-Qadima.

30.4.1.2 Ser tiġi ppreparata *site plan* biex din it-talba tkun tista' tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

30.4.2.1 *Overspeeding* fi Triq il-Kbira (bejn l-ispiżerija u l-Pjazza)
Is-Sindku qal lir-resident li kien ilmenta dwar *overspeeding* reġa' kellmu u qed jitlob li jsir xi ħaġa urġenti dwar din il-problema. Ġie rrimarkat li l-Kunsill applika ma' TM biex isiru marki ta' 30km/hr fit-triq għax *sleeping policeman* tista' tikkawża *flooding* fir-residenzi li għandhom kantina fiż-żona. Il-Kunsillier Mary Louise Briffa ssuġġeriet li jsiru maqsumin min-nofs biex ikun jista' jgħaddi l-ilma.

30.4.2.2 Il-Kunsill iddiskuta u qabel li napplikaw ma' TM biex issir *sleeping policeman* maqsuma. Il-Kunsilliera ser jindikaw il-post fejn jistgħu isiru biex qabel nitolbu kunsens mir-residenti taż-żona. Apparti minn hekk, ser nieħdu parir tekniku biex naraw kif nistgħu intaffu din il-problema.

30.4.3 Bankina fi Triq Idmejda k/m Triq San Valentin
Is-Sindku semma t-talba li saret minn resident biex tiġi emendata l-bankina b'tali mod biex jitnaqqas l-*overspeeding* fiż-żona. Il-Kunsilliera qablu li kif din it-talba tiġi approvata minn TM, ix-xogħol neċessarju għandu jsir mill-ewwel.

## 30.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

30.5.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet tal-Kunsilliera.

## 30.6 Rapporti

30.6.1 Rapport Finanzjarju għall-ewwel kwart minn Jannar sa Marzu 2021

Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill ir-Rapport Finanzjarju għall-ewwel kwart li jkopri l-perjodu minn Jannar sa Marzu 2021. Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa. L-*accountant* ta xi spjegazzjonijiet lill-Kunsill.

30.6.2 Fuq proposta tal-Viċi Sindku Dr Angelo Micallef, li kien issekondat mill-Kunsillier Dr Oliver Nicholas De Gaetano, dan ir-rapport ġie approvat unanimament.

## 30.7 Tisbiħ tal-*Playing field*

30.7.1 Is-SE infurmat li l-Perit ser jiċċekkja jekk huwiex possibbli li l-latrina preżenti, ssir *store*, u tinbena latrina ġdida fuq il-binja preżenti mingħajr ma jsir skavar u għandu jtina risposta.

30.7.2 Is-SE infurmat ukoll li wasal il-kont tal-Perit għall-preparazzjoni tat-3D *artistic visual* tal-proġett, li jammonta għal €2,950. Dan il-*visual* kien intalab mill-Kunsill. Il-Kunsill approva l-ħlas ta' dan il-kont.

30.7.3 Il-Viċi Sindku staqsa dwar jekk tkellimniex mal-*Contracts Manager* fuq l-estimi tal-proġett. Is-SE infurmat li l-*Contracts Manager* ikkonferma li l-ispiża hija wisq għolja għall-proġett propost u rrimarka li l-akbar spiża hija biex isir l-iskavar u l-infurzar t'isfel.

30.7.4 Il-Viċi Sindku ser ikun qed jipprepara *draft email* bil-mistoqsijiet kollha li għandu l-Kunsill biex tintbagħat lill-*Contracts Manager* sabiex ikun jista' jipprovdi kjarifika għal din l-istima.

## 30.8 Skemi Finanzjarji maħruġa mill-Kunsill Reġjonali Ċentru

30.9.1 Is-SE infurmat li l-Kunsill ser ikun intitolat għas-somma ta' €1,634.04c mir-rimborz tal-LESA. Il-Kunsill jista' japplika mar-Reġjun u l-proġett irid jitlesta sal-aħħar ta' Awwissu 2021. Il-Kunsill qabel li kif napplikaw biex jinbidlu s-*CCTV cameras* li hemm f'Wesgħa Profs. Ġuże' Aquilina.

30.9.2 Il-Viċi Sindku infurma li sal-aħħar ta' din is-sena, il-Kunsill irid ikun għamel użu mill-fondi kollha relatati mal-iskemi tar-Reġjun. Fil-laqgħa ta' Awwissu ser jiġi ppreżentat rendikont ta' x'fondi għad baqa' mhux utilizzati.

30.9.3 Fuq nota differenti, issemma l-*Community Policing,* u s-Sindku qal li diġà talab dan is-servizz għall-lokalità, fejn qalulu li qed jiġi introdott ftit ftit ma' Malta kollha. Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li nibgħatu *email* lill-Ministru responsabbli, biex nispjegawlu s-sitwazzjoni fil-lokalità u ninfurmawh li għandna bżonn dan is-servizz urġenti. Apparti minn hekk, lill-Ministru ser nispjegawlu wkoll is-sitwazzjoni tal-Għassa ta' Ħal Balzan.

30.9.4 Il-Kunsilliera qablu u l-Viċi Sindku ser jipprepara *draft email* biex tintbagħat mill-Kunsill wara li tiġi approvata mill-Kunsilliera.

## 30.9 Problema tad-drenaġġ f'Wied Ħal Balzan

30.9.1 Is-SE infurmat li kitbet lill-WSC dwar il-marki ħodor li ġew immarkati fit-triq. Apparti minn hekk staqsiet għal *feedback* dwar il-problema tad-drenaġġ.

30.9.2 WSC infurmaw li bħalissa qed jiffinalizzaw id-disinji għat-*tender,* u ser iżommuna nfurmati kif ikollhom xi żviluppi.

30.9.3 Ġie rrimarkat li din il-problema trid tiġi prijoritizzata u għandha tissolva qabel ma tibda x-xita għax kif tagħmel l-ewwel xita se jerġa' jfur id-drenaġġ. WSC ser jiġu nfurmati b'dan.

## 30.10 Ġieħ Ħal Balzan 2021

30.10.1 Nominazzjonijiet għall-Premju Ġieħ Ħal Balzan 2021

Kategorija Ġieħ Ħal Balzan Lokali

Is-Sindku innomina lill-Emanuel Borg li ħadem qatigħ tul ħajtu ġewwa Ħal Balzan. Il-Kunsillier Mary Louise Briffa issekondat. Il-Kunsill unanimament approva din in-nomina.

30.10.2 Kategorija Ġieħ Ħal Balzan Nazzjonali
Il-Viċi Sindku Dr Angelo Micallef innomina lill-Prof. Godfrey Laferla li għal snin twal ħadem ta' *surgeon* u serva bħala *lecturer* l-Università u dekan tal-fakultà tal-mediċina. Professjonist mill-aktar rispettat. Il-Kunsillier Stephen Gatt issekonda. Il-Kunsill unanimament approva din in-nomina.

30.10.3 Kategorija Ġieħ Ħal Balzan Internazzjonali
Il-Kunsillier Stephen Gatt innomina lill-Prof. Joseph Brincat li għandu l-ogħla unur mill-Gvern Taljan fil-lingwa Taljana. Huwa twieled f'Villa *Sunrise*, Ħal Balzan. Il-Viċi Sindku Dott. Angelo Micallef issekonda. Il-Kunsill unanimament approva din in-nomina.

30.10.4 Il-Kunsill qabel li, bħas-sena l-oħra, Jum Ħal Balzan jiġi ċċelebrat f'Diċembru. Data tiġi deċiża aktar 'il quddiem.

## 30.11 *Park Lane Project*

30.11.1 Is-Sindku qal li qed issir pressjoni kbira minn residenti fuq dan il-proġett. Wara l-Laqgħa tal-Lokalità, numru ta' residenti ingħaqdu fi *pressure groups* kontra l-proġett. Is-Sindku qal li numru ta' punti li qed isemmu (problema fis-sistema tad-drenaġġ, influss tal-*parking*, żieda fit-tniġġis tal-arja, l-infrastruttura u l-impatt ambjentali minħabba ż-żewġ siġriet) huma ta' inkwiet kbir għall-Kunsill.

30.11.2 Is-Sindku qal li issa hemm ukoll numru kbir ta' residenti li huma favur u qed jitolbu biex il-Kunsill ma jagħmilx pressjoni kontra l-proġett. Qal ukoll li kif inhi s-sitwazzjoni preżenti, jidher li hemm iktar min hu favur milli kontra.

30.11.3 Is-Sindku qal li l-grupp '*Save Balzan'* qed jistennew li l-Kunsill ikun fiżikament preżenti quddiem il-bord tal-PA meta tkun qed tiġi diskussa l-applikazzjoni, *Press Conferences,* kif ukoll qed jitolbu li jekk ikun hemm bżonn il-Kunsill iqabbad l-avukat u l-perit biex jiddiskuti u jikkonsulta mal-avukat u l-perit tagħhom. Issa qed jitolbu *feedback* fuq il-pożizzjoni tal-Kunsill.

30.11.4 Il-Viċi Sindku ikkonferma dak li qal is-Sindku u l-pressjoni li qed issirlu mir-residenti. Qal li jifhem lil min xtara jew ser jixtri appartament ma jixtieqx li l-investiment tiegħu jiġi pperikolat. Però, il-Kunsill irid jara x'se tkun ir-reazzjoni tan-nies la darba jitlesta l-proġett. Semma wkoll li l-grupp *'Save Balzan'* qed jikkonsultaw ma' Astrid Vella (Flimkien għal Ambjent aħjar), li għandha esperjenza kbira f'dawn it-tip ta' *objections*.

30.11.5 Ġie rrimarkat li għalkemm din hija sikkina taqta' minn żewġ naħat, il-Kunsill irid jieħu pożizzjoni ċara dwar jekk hux favur jew kontra.

30.11.6 Il-Kunsill iddiskuta fid-dettall u qablu li sal-1 ta' Ġunju, il-Kunsilliera ser jibgħatu l-pożizzjoni tagħhom lis-Sindku u skond il-maġġoranza tittieħed deċiżjoni fuq il-pożizzjoni tal-Kunsill.

## 30.12 Ilmenti u *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill

30.12.1.1 *Tender – Provision and Maintenance of Traffic Signs and Road Markings* – BLC 02/2021
Is-SE infurmat lill-Kunsill li l-kuntratt preżenti wasal biex jiskadi u għalhekk hemm bżonn li tinħareġ sejħa ġdida għall-offerti. Is-SE qalet li ppreparat id-dokument għas-sejħa għall-offerti bir-referenza BLC 02/2021. Kopja tad-dokument ingħata lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

30.12.1.2 Ġie approvat id-dokument għas-sejħa għall-offerti bir-referenza BLC 02/2021. Is-SE ser tibda l-proċess biex toħroġ is-sejħa għall-offerti.

30.12.1.3 Il-Kumitat tal-Evalwazzjoni se jkun magħmul minn dawn il-membri:
Segretarju: Is-SE, Doriette Farrugia
Chairperson: Il-Kunsillier Stephen Gatt
Evalwaturi: Dr Abigail Critien (Avukat), Mark Debono (*Accountant*) u Adrian Mifsud (*Contracts Manager*)

30.12.2 Kwotazzjonijet għas-servizz ta' DPO
Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill kwotazzjonijiet għas-servizz ta' DPO għal perjodu ta' sena. Is-SE infurmat li tnejn (2) minn tliet (3) kumpaniji bagħtu kwotazzjoni. Il-Kunsill unanimament approva l-irħas kwotazzjoni tas-Sur Adrian Mifsud, f'isem BOOM Consultancy & Advisory Services.

30.12.3 Kwotazzjonijet għas-servizz ta' ġbir ta' flus mill-uffiċċju
Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill kwotazzjonijiet għas-servizz ta' ġbir ta' flus mill-uffiċċju. Il-Kunsill unanimament approva l-irħas kwotazzjoni Ozo Security.

30.12.4 Ċirkulari AKL 2021/037 – *Group Life Policy* – Membri Eletti
Ġiet innutata Ċirkulari AKL 2021/037 mibgħuta mill-AKL għal *Group Life Policy* għall-membri eletti sa 70 sena. Il-Kunsilliera ma riedux ikunu nklużi f'din il-polza.

30.12.5.1 Ċirkulari AKL 2021/042 – Reverse Vending Machines – Reazzjonijiet u Proposti mill-Kunsilli Reġjonali/Lokali
Ġiet innutata Ċirkulari AKL 2021/042 mibgħuta mill-AKL fejn qed jitolbu l-osservazzjonijiet u kummenti li jista' jkollu l-Kunsill fuq din l-inizjattiva.

30.12.5.2 Il-Kunsill filwaqt li qabel ma' din l-inizjattiva ser jibgħat jistaqsi dawn id-domandi:

1. Kemm se jkun hemm *Reverse Vending Machine* stazzjonati fil-lokalità?
2. Hemm xi tip ta' spejjeż involuti li ser jiġu mħallsa mill-Kunsill?
3. Hemm indikazzjoni dwar meta ser jiġu installati?

30.12.6.1 Talba biex isiru *pathways* ċatti minflok bankini dojoq fi Triq Sant'Antnin
Resident qed jitlob biex issa kif qed issir Triq Sant'Antnin mill-ġdid, minflok bankini dojoq isiru *pathways* ċatti. Is-SE infurmat li din it-talba ġiet mgħoddija lill-IM peress lit-triq qed issir min-naħa tagħhom, fejn infurmawna li jekk il-Kunsill iġib permess min TM, tkun tista' tiġi mplimentata min-naħa tagħhom.

30.12.6.2 Il-Kunsill iddiskuta u qabel li napplikaw għall-permess ma' TM.

30.12.7 Ilmenti dwar it-tneħħija ta' parking bay fi Triq il-Papa Alessandru VII
Resident qed jerġa' jilmentaw għat-tneħħija ta' *parking bay* minn quddiem *drive-in* fi Triq il-Papa Alessandru VII. Il-Kunsill irrimarka li ma jista' jsir xejn aktar fuq dan l-ilment għal la sid il-proprjetà għandu permess mill-PA għandu d-dritt li jkollu aċċess it-tul kollu tad-*drive-in.*

30.12.8.1 Talba għal *dog bins*
Resident qed jitlob li jsiru aktar *dog bins* fi Triq il-Ferrovija l-Qadima. Apparti minn hekk, qed jitlob lid-*dog bins* preżenti jinbidlu u jsiru b'*foot pedal* minħabba iġene.

30.12.8.2 Il-Kunsill m'approvax li jiġu nstallati aktar *dog bins* għar-raġuni li ħadd mir-residenti ma jkun iridu quddiem il-bieb tiegħu. Apparti minn hekk fl-akwati diġà hemm numru ta' *bins*.

30.12.8.3 Il-Kunsill m'approvax li jinbidlu d-*dog bins* preżenti għax apparti li għadhom tajbin, tkun spiża kbira għall-Kunsill biex jinbidlu kollha. Ġie rrimarkat li meta jkun hemm xi *dog bin* imkisser, il-Kunsill ser jibdlu għal wieħed bil-pedala. Apparti minn hekk, ser tiġi ċċekjata l-possibiltà li jiġu maħsula u ddiżinfettati l-*bins* li hawn fil-lokalità.

30.12.9.1 *Dog Area*
Wara li nfurmajna lill-residenta li fil-lokalità m'hemmx siti ħlief l-art ta' Wesgħa Profs. Aquilina, fejn tista' ssir *dog area* (f'dan is-sit ma jista' jsir xejn qabel mal-art tiġi devoluta lill-Kunsill. Ir-residenta identifikat żona ġdida (parti mill-bandli ta' fejn it-torri ta' Ħal Lija) u qed tissuġġerixxi li flimkien mal-KL ta' Ħal Lija, din iż-żona tinqaleb f'*dog area*. Qalet ukoll li jekk tingħalaq b'*gate,* tkun tista' tintuża minn membri biss (li jħallsu miżata fis-sena) u b'hekk tkun qed tiġġenera l-flus.

30.12.9.2 Ġie rrimarkat li l-Kunsill ma joħroġ fondi fuq proġett li ma jkunx ser jsir fil-lokalità tiegħu u għalhekk ser jibgħat dan is-suġġeriment lill-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija għal kunsiderazzjoni tagħhom.

30.12.10.1 *Recycle Bins* għal żejt domestiku wżat
Żewġ kumpaniji talbu sabiex fil-lokalità jitpoġġa *recycle bin* biex ir-residenti jkunu jistgħu jiddisponu minn żejt domestiku wżat.

30.12.10.2 Din it-talba ma ġietx approvata għax *bin* biż-żejt jista' jkun ta' periklu peress li jista' jaqbad. Ġie rrimarkat li darba fix-xahar, fil-pjazza jiġi l-van tal-GreenPak fejn ir-residenti jkunu jistgħu jiddisponu minn żejt domestiku fost affarijiet oħra. Apparti minn hekk fl-akwati hawn żewġ *Amenity Sites* għad-dispożizzjoni tar-residenti.

## 30.13 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

30.13.1 Is-SE ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti nru. 05/21, li tinkludi l-ammont ta' €122.60c bħala *Petty Cash* għax-xahar ta' April 2021.

30.13.2 L-iskeda ta' pagamenti kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Mary Louise Briffa, li kienet issekondata mill-Kunsillier Stephen Gatt. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

30.13.3 Is-SE infurmat lill-Kunsill li l-garaxx li qed jintuża mill-Kunsill bħala *store* huwa mikri sal-aħħar ta' Ġunju 2021. Għalhekk, il-Kunsill unanimament approva li jerġa' jikri l-garaxx għal sena bl-istess kundizzjonijiet u għall-ammont ta' €2,000.

## 30.14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

30.14.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.15pm.

30.14.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar l-Erbgħa, 30 ta' Ġunju 2021 fl-4.00pm. Ġimgħa qabel il-laqgħa jiġi deċiż jekk il-laqgħa ssirx *online* jew mill-uffiċċju, skond kif tkun is-sitwazzjoni tal-COVID-19.

Konfermati, illum l-Erbgħa, 30 ta' Ġunju 2021.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Dr Angelo Micallef<br>Viċi Sindku<br>Eżekuttiv | Doriette Farrugia<br>Segretarju |